**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 t'Ottubru 2022**

Rikors Numru: 287/22 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 2062/1992)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-parijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena 1992 u dan kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ illi qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok A;

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Ivan Barbara datat il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok B;

3. Illi l-partijiet ilhom separati de lege għal kważi sbatax (17)-il sena;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom kważi sbatax (17)-il sena mifrudin minn ma' xulxin, illum għandhom ħajja totalment separata minn ma' xulxin;

5. illi ma hemm l-ebda provvediment għall-manteniment fil-kuntratt ta' separazzjoni suċitat;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili sabiex, fiz-zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Lulju, 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla u fuq domanda tal-Qorti jwieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Mejju 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.